



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Marzu 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0039 (NLE)

6800/18
ADD 1

AELE 8
EEE 5
N 5
ISL 5
FL 6
MI 145
DRS 10

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 83 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpaniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista mill-Artikolu 101) għall-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 83 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2018) 83 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2018
COM(2018) 83 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpaniji) u l-
Protokoll 37 (li fih il-lista prevista mill-Artikolu 101)
għall-Ftehim taż-ŻEE**

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

li temenda l-Anness XXII (il-Liġi dwar il-Kumpaniji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista mill-Artikolu 101) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE¹, kif emendat mill-ĠU L 170, 11.6.2014, p.66, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati² għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) Biex il-Ftehim ŻEE jaħdem sew, il-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE irid jiġi estiż sabiex jinkludi l-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB), stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 537/2014, filwaqt li l-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE irid jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri ta' assoċjazzjoni ma' dan il-Kumitat.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXII u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jizzied mal-punt 10f (id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

‘- **32014 L 0056:** Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 196).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 30c(3), f'dak li għandu x'jaqsam mal-Istati tal-EFTA, il-kliem “kif immnizzla fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea” ma għandux japplika.”

¹ ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77.

² ĠU L 158, 27.5.2014, p. 196.

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 10i (id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“10j. **32014 R 0537**: Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p.77), kif emendat mill-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 66.

Il-modalitajiet għall-assoċjazzjoni tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA msemmija fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2006/43/KE għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB), taħt l-istess kundizzjonijiet bħal awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE iżda mingħajr id-dritt ta' vot. Il-membri mill-Istati tal-EFTA ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-Presidenza ta' CAOEB skont l-Artikolu 30(6).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Il-kliem “leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “il-Ftehim taż-ŻEE jew leġislazzjoni nazzjonali” u l-kliem “liġi nazzjonali jew tal-Unjoni” għandu jiġi sostitwit mill-kliem “il-Ftehim taż-ŻEE jew liġi nazzjonali”.
- (b) Fl-Artikolu 41, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:
 - (i) il-kliem “17 ta' Ġunju 2020” għandhom jinqraw “sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]”;
 - (ii) il-kliem “17 ta' Ġunju 2023” għandhom jinqraw “disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]”;
 - (iii) il-kliem “is-16 ta' Ġunju 2014” għandhom jinqraw “id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]”.
 - (iv) il-kliem “17 ta' Ġunju 2016” għandhom jinqraw “sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]”;
- (c) Fl-Artikoli 44, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sas-17 ta' Ġunju 2017" għandu jsir "fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'... [din id-deċiżjoni]".

Artikolu 2

Il-punt li ġej huwa miżjud fil-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE:

40. Il-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB) (ir-Regolament (KE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 537/2014, kif ikkorreġuti bil-ĠU L 170, 11.6.2014, p. 66, u d-Direttiva 2014/56/UE, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma ġew indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]